**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 2 ta' April 2019**

**Avviz numru:- 10/2018 JVC**

**Lawrence Borg**

**vs**

**Dunstan Williams**

Il-Qorti;

Rat l-avviz datat 21 ta' Awwissu 2018 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' sebat elef mitejn u hamsin euro (EUR 7,250) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar illi huwa dovut minnu ghall-bejgh li sar lill-attur ta' bobcat tat-tyres ta' tliet tunnellati u nofs, flimkien ma' bobcat hymac bil-ktajjeb tal-lastku tat-tunnellata u nofs kompluta bil-martell u banju. L-ammont dovut jinkludi wkoll il-VAT relattiva fuq l-ammont originali.

Ihallas l-ispejjez tal-ittra ufficcjali numru 97/2017 u tal-ittra ufficjali numru 91/2018, tal-procedura tal-affissjoni, tal-ittri nterpellatorji u tal-mandat ta' sekwestru numru 120/2017.

Ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut b'effett mis-sitta ta' Awwisu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi l-konvenut gie notifikat permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni kif jirrizulta mill-pubblikazzjonijiet esebiti fl-atti.

Rat illi ghalkemm notifikat il-konvenut naqas milli jidher fis-seduta tal-lum w'ghalhekk huwa meqjus bhala kontumaci.

Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub minnu ghadu dovut fl-intier tieghu.

Rat l-ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 2017 li kopja taghha giet esebita llum fl-atti.

Rat l-atti kollha.

Illi mill-atti jirrizulta li t-talba attrici jisthoqq li tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suseposti, din il-Qorti taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tghaddi sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebat elef, mitejn u hamsin euro (EUR 7,250) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut minnu ghall-bejgh li sar mill-attur ta' bobcat tat-tyres ta' tliet tunnellati u nofs, flimkien ma' bobcat hymac bil-ktejjeb tal-lastku tat-tunnella u nofs kompluta bil-martell u banju. L-ammont dovut jinkludi wkoll il-VAT relattiva fuq l-ammont originali. Tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha inkluz tal-ittri ufficcjali esebita, kif ukoll tal-procedura tal-affissjoni u tal-mandat ta' sekwestru numru 120/2017.

Bl-imghax legali fuq l-ammont dovut mill-25 ta' Settembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur